IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.4.2019
COM(2019) 224 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Valutazzjoni tal-2018 tal-progress li għamlu l-Istati Membri biex jinkisbu l-miri tal-effiċjenza enerġetika għall-2020 u l-progress lejn l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija meħtieġa mill-Artikolu 24(3) tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija 2012/27/UE

MT MT

1. Introduzzjoni

F'Diċembru tal-2018, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottaw id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija riveduta (EED)[1]. L-EED riveduta stabbilixxiet il-mira ta' effiċjenza fl-enerġija għall-2030 għal mill-inqas 32,5 %[2]. Din daħħlet ukoll klawsola li tippermetti reviżjoni 'l fuq, din tgħolli l-livell tal-ambizzjoni meta mqabbel mal-isforzi meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-2020. L-effiċjenza enerġetika hija mutur qawwi biex jintlaħqu l-miri klimatiċi għall-2020 u l-2030, u huma wkoll element kostitwenti ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni għal "Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima"[3] mressqa f'Novembru tal-2018.

F'dan il-kuntest, huwa importanti li l-miri għall-2020 għall-effiċjenza enerġetika jintlaħqu b'miżuri li jistgħu jibqgħu jwasslu għall-iffrankar tal-enerġija fid-deċennju li ġej.

Dan ir-rapport jagħti l-aktar ideat riċenti tal-progress li sar sal-2017 biex tintlaħaq il-mira ta' 20% qabel l-2020[4]. L-istatistika uffiċjali Ewropea dwar l-enerġija li bagħtu l-Istati Membri lill-Eurostat sa Jannar tal-2019 intużaw bħala s-sors primarju tad-*data*. Ir-rapport ikompli jibni fuq ir-Rapport dwar il-Progress fl-Effiċjenza tal-Enerġija tal-2017[5], fuq ir-Rapporti Annwali tal-2018 li ppreżentaw l-Istati Membri, u fuq analiżi komplementari li twettqet fl-2018. Biex jinftehmu aħjar il-fatturi li qegħdin imexxu x-xejriet riċenti fl-enerġija, intużat analiżi tad-dekompożizzjoni li ġiet żviluppata miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (il-JRC)[6] u l-proġett Odyssee-Mure[7].

Is-sejbiet ewlenin huma dawn li ġejjin:

- Wara tnaqqis gradwali bejn l-2007 u l-2014, il-konsum enerġetiku żdied bejn l-2014 u l-2017.
- Il-konsum tal-enerġija primarja żdied b'0,9 % fl-2017 mqabbel mal-2016. Il-konsum finali tal-enerġija żdied b'1,1 % fl-2017. Fil-preżent, it-tnejn huma ftit ogħla mill-perkors stabbilit lejn il-mira għall-2020.
- Il-varjazzjonijiet fit-temp[8] huma raġuni ewlenija fost oħrajn għall-flutwazzjonijiet osservati fil-konsum tal-enerġija f'dawn l-aħħar snin. Iċ-ċifri tal-konsum tal-enerġija kkoreġuti skont it-temp huma inqas volatili iżda juru wkoll xejra ta' rikorrenza mill-2014 'l quddiem (l-Illustrazzjoni 1).
- Żidiet fl-attività ekonomika jkomplu jżidu l-konsum tal-enerġija. L-iffrankar tal-enerġija pattew daqsxejn għall-impatt ta' dawn iż-żidiet u wasslu għal titjib gradwali

[1] Id-Direttiva 2018/2002/UE.

[2] Il-mira ta' 32,5% għall-2030 tissarraf f'konsum finali ta' enerġija ta' 956 Mtoe u/jew konsum ta' enerġija primarja ta' 1273 Mtoe fl-UE28.

[3] COM(2018) 773 final

[4] Il-mira għall-2020 tinvolvi t-tnaqqis tal-konsum finali tal-enerġija tal-UE28 għal mhux iktar minn 1086 Mtoe, u l-konsum tal-enerġija primarja sa mhux iktar minn 1483 Mtoe.

[5] COM(2017) 687 final

[6] Economidou, M. and Romàn Collado, R. (2019), *Assessing the progress towards the EU efficiency targets using index decomposition analysis 2015-2016*, JRC Science for Policy Report.

[7] http://www.indicators.odyssee-mure.eu/decomposition.html.

[8] Xitwa li kienet aktar sħuna minn tas-soltu fl-2014 tat lok għal ħtieġa ta' tisħin ħafna inqas minn tas-soltu għal dik is-sena. It-temperaturi fl-ixtiewi tal-2015, tal-2016 u tal-2017 kienu aktar viċin il-medja klimatika (iżda xorta waħda kienu inqas mill-medja fuq terminu twil), u dawn żiedu l-ħtieġa tat-tisħin u l-konsum tal-enerġija fis-setturi residenzjali u tas-servizzi.

fl-intensità tal-enerġija. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin l-iffrankar tal-enerġija ma kienx biżżejjed biex ipatti għall-impatt tat-tkabbir fl-attività ekonomika, dan jista' jkun ukoll minħabba d-dewmien biex ġew implimentati l-politiki dwar l-effiċjenza enerġetika f'xi Stati Membri.

- Abbażi ta' valutazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika (in-NEEAPs) l-aktar riċenti u r-rapporti annwali tal-2018, jidher ċar li b'mod kollettiv l-Istati Membri qegħdin jagħmlu progress tajjeb biex jiksbu l-iffrankar tal-enerġija skont l-Artikolu 7 tal-EED. Madankollu, xi Stati Membri għadhom lura u jista' jiġri li ma jaslux biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-iffrankar kumulattiv għas-snin 2014 sa 2020.

Jekk, fis-snin li ġejjin tkompli għaddejja x-xejra ta' żieda fil-konsum tal-enerġija li ilha tiġi nnotata mill-2014, jista' jkun hemm riskju li ma tintlaħaqx il-mira għall-2020 għall-konsum primarju u finali tal-enerġija. Għalhekk, hemm il-ħtieġa li jiġu intensifikati iktar l-isforzi biex isir iffrankar enerġetiku f'terminu qasir.

Sabiex tkun tista' tivvaluta aħjar ix-xejra lejn aktar konsum tal-enerġija u tidentifika direzzjoni possibbli, f'Lulju tal-2018 il-Kummissjoni waqqfet task force dwar il-mobilizzazzjoni tal-isforzi biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika għall-2020 tal-UE[9]. S'issa, it-task force qed tenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi mobilizzat aħjar il-finanzjament, jiżdiedu r-rata u l-livell ta' rinnovazzjoni tal-bini u jiġi żgurat li jintlaħqu l-istandards tar-rendiment fl-użu tal-enerġija minimi.

Illustrazzjoni 1: Il-PDG u l-konsum finali tal-enerġija kkoreġut skont it-temp għall-1995 sal-2016[10]

[9] Il-Kummissjoni Ewropea (2019), *Report of the work of the Task Force on mobilising efforts to reach the EU Energy efficiency targets for 2020* (Rapport tal-ħidma tat-Task Force dwar il-mobilizzazzjoni tal-isforzi biex jintlaħqu l-miri ta' effiċjenza fl-enerġija tal-UE għall-2020).

[10] Il-fattur tal-korrezzjoni għat-temp ġie kkalkulat bħala proporzjon ta' jiem ta' gradi ta' tisħin (HDD) f'sena partikolari fuq il-medja tal-HDD mill-1980 sal-2004. Dan il-fattur korrettiv ġie applikat għall-konsum tal-enerġija li ntużat għat-tisħin tal-postijiet fis-settur residenzjali.



Sors: Odyssee-Mure

2. Progress lejn il-mira tal-effiċjenza fl-enerġija tal-UE għall-2020

Il-konsum finali tal-enerġija[11] fl-UE naqas b'5,9 % minn 1193 Mtoe fl-2005 għal 1122 Mtoe fl-2017. Dan huwa 3,3 % ogħla mill-mira tal-konsum finali tal-enerġija għall-2020 ta' 1086 Mtoe. Naqas b'rata annwali medja ta' 0,5% bejn l-2005 u l-2017, iżda x-xejra ta' tnaqqis ġiet interrotta fl-2015, meta l-konsum finali tal-enerġija reġa' beda jogħla (fl-2017 għola b'1,1% mqabbel mas-sena ta' qabel).

Fl-2017, ġie nnotat aktar konsum tal-enerġija b'mod ewlieni fit-trasport (żieda sena wara sena +2,5%) u fl-industrija (+1,6%). Il-konsum tal-enerġija ma nbidilx fis-settur tas-servizzi, u naqas fis-settur residenzjali (-0,5 %).

Fl-2017 34% tal-konsum finali tal-enerġija kienu fit-trasport, u warajh kien hemm is-settur residenzjali u l-industrija (25% il-wieħed), is-settur tas-servizzi (13%) u setturi oħrajn (3%).

Il-konsum tal-enerġija primarja fl-UE naqas b'9,2 % minn 1720 Mtoe fl-2005 għal 1561 Mtoe fl-2017. Dan huwa 5,3 % ogħla mill-mira għall-2020 ta' 1483 Mtoe. Bħala medja naqas b'0,8 % kull sena bejn l-2005 u l-2017, iżda reġa' beda jiżdied mill-2015. Fl-2017 kienet irreġistrata żieda sena wara sena ta' 0,9%.

[11] L-indikaturi mill-bilanċi tal-enerġija l-ġodda tal-Eurostat jintużaw għall-monitoraġġ tal-progress li jsir lejn il-ksib tal-mira ta' effiċjenza fl-enerġija għall-Ewropa għall-2020-2030.

3. Miri nazzjonali

Sal-2017 17-il Stat Membru rnexxielhom inaqqsu l-konsum finali tal-enerġija tagħhom jew iżommuh f'livell inqas mill-perkors lineari ipotetiku tagħhom biex jilħqu l-miri stmati sal-2020[12]. Iżda fil-każ tal-konsum tal-enerġija primarja, 15-il Stat Membru kienu għadhom aktar 'il fuq mill-perkorsi lineari ipotetiċi tagħhom[13]. B'mod ġenerali, il-konsum finali tal-enerġija minn 17-il Stat Membru (tnaqqis mit-18 tal-2015) kien inqas mill-mira indikattiva tal-konsum finali tal-enerġija għall-2020 fl-2017[14]. Kienu biss 14-il Stat Membru (tnaqqis minn 17 fl-2015) li laħqu jew irnexxielhom iżommu l-livell tal-konsum tal-enerġija primarja għal inqas mill-mira indikattiva għall-2020 fl-2017[15].

Ta' min wieħed jinnota li, b'differenza mill-kontribuzzjonijiet għall-2030, ma hemm ebda rekwiżit li l-miri nazzjonali għall-2020 flimkien jammontaw għall-mira tal-UE. Fil-fatt, hemm distakk bejn is-somma tal-miri nazzjonali u l-mira tal-UE. Għall-konsum finali tal-enerġija, il-miri indikattivi nazzjonali jammontaw għal għadd totali ta' 1085 Mtoe, jiġifieri 1 Mtoe taħt il-mira tal-UE; għall-konsum tal-enerġija primarja, dawn jammontaw għal 1533 Mtoe, jiġifieri 50 Mtoe ogħla mill-mira tal-UE[16].

4. Ix-xejriet tal-konsum tal-enerġija fl-Istati Membri

Mill-2005 'l quddiem, il-konsum finali tal-enerġija naqas fl-Istati Membri kollha minbarra f'Ċipru, fil-Litwanja, f'Malta, fl-Awstrija u fil-Polonja. Madankollu, meta mqabbel mal-2016, il-konsum finali tal-enerġija żdied f'24 Stat Membru fl-2017, u l-akbar żidiet ġew irreġistrati fis-Slovakkja (+7%), f'Malta (+6,7%) u fil-Polonja (+6,5%). L-ikbar tnaqqis ġie nnutat fil-Belġju (-1,2%), fir-Renju Unit (-0,8%) u fl-Italja (-0,6%).

Mill-2005 'l quddiem, il-konsum tal-enerġija primarja naqas fl-Istati Membri kollha minbarra fl-Estonju, f'Ċipru, u fil-Polonja. Il-pajjiżi bl-ikbar tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja jinkludu l-Litwanja (-23,4%), il-Greċja (-23,2%), ir-Renju Unit (-20,8%) u l-Italja (-17%). Madankollu, fl-2017 il-konsum tal-enerġija primarja żdied f-20 Stat Membru meta mqabbel mas-sena ta' qabel. L-ikbar żidiet kienu f'Malta (+12,9%), fir-Rumanija (+5,7%) u fi Spanja (+5,4%). L-Estonja rrapportat l-ogħla tnaqqis minn sena għal oħra (-4,2 %) mqabbel mal-2016, segwita mir-Renju Unit (-1,6 %) u l-Irlanda (-1,4 %).

Ix-xejra 'l isfel daret fil-perjodu ta' tliet snin mill-2014 sal-2017, billi l-konsum finali tal-enerġija żdied fl-Istati Membri kollha u l-konsum tal-enerġija primarja żdied fi 23 Stat Membru[17] meta mqabbel mal-2014. Madankollu, iż-żieda fil-konsum primarju f'dan il-perjodu kienet iżgħar mit-tkabbir tal-PDG. Dan jissarraf fi tnaqqis fl-intensità tal-enerġija

---

[12] Minbarra l-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Estonja, Franza, il-Litwanja, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Iżvezja.

[13] Minbarra l-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Franza, Ċipru, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall u l-Iżvezja.

[14] Minbarra l-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Estonja, Franza, il-Litwanja, l-Ungerija, l-Awstrija, is-Slovakkja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

[15] Minbarra l-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, il-Ġermanja, Franza, l-Awstrija, in-Netherlands, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

[16] Id-differenza tista' saħansitra tkun ikbar billi l-livelli tal-konsum tal-enerġija primarja u tal-konsum finali tal-enerġija ta' wħud mill-miri nazzjonali ma jsegwux il-metodoloġija korretta.

[17] Ta' min jinnota li fl-2014 ix-xitwa kienet aktar sħuna minn tas-soltu, għaldaqstant, parti miż-żieda fil-konsum tal-enerġija hija konsegwenza ta' korrezzjoni għal temperaturi li huma aktar viċin il-medja.

primarja fl-Istati Membri kollha barra sitta (il-Belġju, il-Greċja, l-Italja, l-Ungerija, l-Awstrija u l-Portugall).

Illustrazzjoni 2: Bidla relattiva fil-konsum tal-enerġija primarja, fl-intensità enerġetika primarja[18] u fil-PDG, 2014-2017



Sors: Il-Eurostat

Sabiex tifhem aħjar il-fatturi li kkawżaw iż-żidiet riċenti fil-konsum tal-enerġija, il-Kummissjoni Ewropea organizzat workshop għall-esperti li pprovda input għal rapport li jippreżenta l-motivaturi tax-xejriet tal-konsum tal-enerġija reċenti[19]. L-analiżi tal-fatturi possibbli li influwenzaw iż-żieda fix-xejriet tal-konsum fis-snin mill-2014 'l hawn turi li hemm id-differenzi bejn is-setturi: iż-żieda ewlenija fil-konsum tal-enerġija ġiet innotata fil-binjiet (dawk residenzjali u tas-servizzi) minkejja xejra żgħira 'l isfel fl-2017, segwit mit-trasport, filwaqt li żieda fil-konsum tal-enerġija fl-industrija kienet żgħira ħafna. Il-konsum fil-provvista tal-enerġija (ġenerazzjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni) naqas minħabba l-bidla għall-enerġija rinnovabbli fil-ġenerazzjoni tal-elettriku. Ir-rapport ikkonferma wkoll li ma hemmx raġuni waħda biss għaliex żdied il-konsum tal-enerġija fl-UE mill-2014 'l hawn. Iż-żieda tista' tkun parzjalment riżultat ta' rendiment ekonomiku tajjeb mill-2014, parzjalment minħabba l-prezzijiet baxxi taż-żejt, u parzjalment minħabba li l-ixtiewi tal-2015 u tal-2016 kienu aktar kesħin, u l-kombinazzjoni ta' dawn il-fatturi tkun tvarja minn settur għal ieħor.

Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri, fil-qafas ta' task force maħluq apposta għalhekk mill-Kummissjoni, iltaqgħu darbtejn fil-ħarifa tal-2018 biex jiddiskutu x-xejriet ta' żieda fil-konsum tal-enerġija u biex jidentifikaw is-soluzzjonijiet possibbli biex l-UE terġa' titqiegħed fit-triq biex tikseb il-miri ta' effiċjenza enerġetika għall-2020 Ir-rapport dwar il-ħidma li wettqet it-task force[20] identifika għadd ta' kawżi addizzjonali taż-żieda fil-konsum tal-enerġija marbutin ma' kuntesti nazzjonali. Dawn kienu jinkludu: (i) id-dewmien fl-

[18] Il-konsum tal-enerġija primarja fil-konfront tal-PDG

[19] Samuel Thomas (2018), *Drivers of recent energy consumption trends across sectors in EU28* (Il-motivaturi tax-xejriet tal-konsum tal-enerġija reċenti madwar is-setturi fl-UE28).
Rapport tal-Workshop dwar ix-Xejriet tal-Konsum tal-Enerġija

[20] Il-Kummissjoni Ewropea (2019), *Report of the work ... op. cit.*

implimentazzjoni tal-politiki dwar l-effiċjenza fl-enerġija; (ii) differenza bejn l-iffrankar tal-enerġija stmat u l-iffrankar tal-enerġija li nkisbu fir-realtà; (iii) nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-impatt tal-aspetti tal-imġiba bħall-effett ta' rikorrenza; (iv) in-nuqqas ta' finanzjament għall-politiki dwar l-effiċjenza fl-enerġija; u (v) restrizzjonijiet b'rabta mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-istat.

Analiżi aktar kwantitattiva tal-fatturi diversi li kkawżaw it-tibdil fil-konsum tal-enerġija hija possibbli bis-saħħa tal-analiżi tad-dekompożizzjoni li twettqet mill-JRC[21] u minn Odyssee-Mure[22]. Iżda ż-żewġ analiżijiet ikopru biss id-*data* sal-2016.

Il-fattur ewlieni tat-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja kien it-tnaqqis fid-domanda finali għall-enerġija minħabba t-titjib fl-intensità enerġetika finali (Figura 3). Dan ikkontribwixxa għal tnaqqis totali ta' 122 Mtoe fl-enerġija primarja, ekwivalenti għal 7 % tal-konsum fl-2005. Titjib fl-effiċjenza tat-trasformazzjoni jispjega tnaqqis ta' 30 Mtoe fil-perjodu tal-2005 sal-2016. It-tnaqqis fit-telf fid-distribuzzjoni u l-konsum tas-settur ta' konverżjoni pproduċa tnaqqis addizzjonali ta' 9,5 Mtoe fil-konsum tal-enerġija primarja. Iż-żieda fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija, li kiber minn 9% għal 17%[23] fil-livell tal-UE, ukoll naqqset il-livelli tal-konsum tal-enerġija primarja. Madankollu, iż-żieda fl-użu tal-elettriku kellha effett ta' kontrobilanċ, għalhekk b'mod kumplessiv l-effett tal-effiċjenza tat-trasformazzjoni ta' -30 Mtoe (ekwivalenti għal tnaqqis ta' -2% mqabbel mal-konsum tal-enerġija primarja fl-2005) kien pjuttost moderat.

---

[21] Economidou, M. u Romàn Collado, R. *op. cit.*
[22] http://www.indicators.odyssee-mure.eu/decomposition.html.
[23] Id-*data* tal-2016.

Illustrazzjoni 3: Diżaggregazzjoni tal-bidliet fil-konsum finali (Mtoe) fl-UE-28 għall-2005 sal-2016 bl-uzu tal-approċċ addittiv Logarithmic Mean Divisia Index (LMDI)



Sors: JRC

It-tnaqqis fil-konsum finali tal-enerġija kien immexxi l-aktar mit-tnaqqis fl-industrija (-15 % fl-2017 imqabbel mal-2005) u fis-settur residenzjali (-9 %). Għall-kuntrarju ta’ dan, il-konsum tal-enerġija żdied fis-settur tas-servizzi (+4 %) u fit-trasport (+3 %) imqabbel mal-2005.

Illustrazzjoni 4: Diżaggregazzjoni tal-bidliet fil-konsum finali (Mtoe) fl-UE-28 għall-2005 sal-2016 bl-uzu tal-approċċ addittiv Logarithmic Mean Divisia Index (LMDI)



Sors: JRC

L-analiżi tal-JRC tindika li, l-istess kif kien il-każ tal-enerġija primarja, it-tnaqqis fil-konsum finali tal-enerġija fil-perjodu 2005 sa 2016 kien ikkawżat minn titjib fl-intensità enerġetika finali (-171,4 Mtoe), li patta għaż-żieda fil-konsum tal-enerġija minħabba t-tkabbir ekonomiku (+117,4 Mtoe). Il-bidla strutturali lejn setturi iktar effiċjenti fl-enerġija ammonta għal tnaqqis fil-konsum finali tal-enerġija ta' 9,1 Mtoe, filwaqt li l-ixtiewi iktar sħan irriżultaw fi tnaqqis fil-konsum tal-enerġija ta' 13,1 Mtoe. Dan irriżulta fi tnaqqis fil-konsum finali tal-enerġija minn 1174 għal 1098 Mtoe madwar l-UE fl-2005 sal-2016 (ara l-Illustrazzjoni 4).

Fl-2015 sal-2016, kienet irreġistrata żieda ta' +20,8 Mtoe fil-konsum finali tal-enerġija madwar l-UE. F'dan il-perjodu qasir, it-titjib fl-intensità (-4,6 Mtoe) ma kienx biżżejjed biex jaġixxi ta' kontrobilanċ għall-effett tat-tkabbir ekonomiku (effett tal-attività: +20,9 Mtoe) u t-temp iktar kiesaħ (+4,5 Mtoe).

L-analiżi ta' Odyssee-Mure turi xejriet simili għall-perjodu 2005 sal-2016. Dan jikkonferma li l-iffrankar tal-enerġija kien importanti biex patta għaż-żieda fil-konsum immexxija mill-effett tal-attività, mill-istili tal-ħajja u mid-demografija matul dan il-perjodu. Madankollu, is-sinifikat tal-fatturi diversi u d-daqs tagħhom mhumiex l-istess minħabba d-differenzi fil-metodoloġija u fid-*data* li ntużat bħala input. Il-konsum iktar baxx tal-enerġija primarja kien immexxi l-aktar minn tnaqqis fil-konsum finali tal-enerġija (-85 Mtoe), iżda r-rwol tat-titjib fl-effiċjenza u l-bidliet fit-taħlita ta' fjuwils fil-ġenerazzjoni tal-enerġija kienu pjuttost sinifikanti wkoll (-75 Mtoe). Meta wieħed iħares lejn il-konsum finali tal-enerġija, l-effett tal-attività wassal għal żieda ta' 58 Mtoe, filwaqt li l-istil tal-ħajja u d-demografija ammontaw għal 32 Mtoe u 25 Mtoe addizzjonali, rispettivament. Dawn iż-żidiet kienu kkumpensati minn ħafna iżjed iffrankar tal-enerġija bejn l-2005 u l-2016 (-163 Mtoe), filwaqt li l-bidla strutturali u t-temp wasslu għal tnaqqis addizzjonali ta' 11 Mtoe kull wieħed.

4.1. Is-settur industrijali

Il-konsum finali tal-enerġija tal-industrija fl-UE naqas f'termini assoluti minn 332 Mtoe fl-2005 għal 283 Mtoe fl-2017 (-15%). Madankollu, f'xi pajjiżi l-industrija żiedet il-konsum tal-enerġija tagħha matul dan il-perjodu, jiġifieri fl-Ungerija (+25 %), f'Malta (+9 %), fil-Latvja (+7 %), fl-Awstrija (+7%), fil-Belġju, fil-Ġermanja u fil-Polonja (b'inqas minn 5% kull wieħed). Mqabbel mas-sena ta' qabel, il-konsum finali tal-enerġija tal-UE fl-industrija żdied b'1,6% fl-2017, iżda l-iżviluppi madwar l-Istati Membri varjaw (11-il Stat Membru rreġistraw tnaqqis). Il-pajjiżi bl-ikbar żidiet jinkludu l-Lussemburgu, il-Polonja, id-Danimarka (madwar +4%), il-Finlandja u l-Belġju (+3%). Il-volum tal-produzzjoni industrijali żdied b'9% bejn l-2014 u l-2017 (3,4% fl-2017 sena wara sena), iżda dan it-tkabbir fl-attività kien rifless parzjalment biss fil-bidliet fil-konsum tal-enerġija li żdied bi 2% fl-istess perjodu.

F'termini ta' intensità enerġetika,[24] kważi l-Istati Membri kollha rnexxielhom itejbu r-rendiment industrijali tagħhom bejn l-2005 u l-2017, u dan wassal għal tnaqqis ġenerali fl-intensità enerġetika ta' 22% fl-UE. Huma biss l-Ungerija (+24%), il-Greċja (+17%) u l-Latvja (+9%) li żiedu l-konsum finali tal-enerġija tagħhom bħala proporzjon tal-valur miżjud gross (GVA) tas-settur industrijali tagħhom. Min-naħa l-oħra, ir-Rumanija, l-Estonja, il-Bulgarija u l-Irlanda rreġistraw l-ikbar titjib (iktar minn 50%). Meta wieħed iħares lejn l-iżviluppi annwali mqabbel mal-2016, huma biss il-Greċja, il-Latvja, l-Ungerija u Ċipru li rreġistraw żieda fl-intensità enerġetika tal-industrija fl-2017, filwaqt li l-Istati Membri l-oħra kollha komplew itejbu r-rendiment tagħhom.

4.2. Is-settur residenzjali

Il-konsum finali tal-enerġija tas-settur residenzjali naqas b'xi 9% minn 310 Mtoe fl-2005 għal 284 Mtoe fl-2017. Madankollu, l-użu tal-enerġija żdied b'7% bejn l-2014 u l-2017 (bi tnaqqis ta' -0,5% fl-2017). Sa ċertu punt, din iż-żieda kienet riżultat ta' temp xitwi aktar kiesaħ, wara x-xitwa eċċezzjonalment sħuna tal-2014, billi l-konsum tal-enerġija għat-tisħin tal-postijiet jammonta għal madwar 2/3 tal-konsum tal-enerġija residenzjali. Il-konsum tal-enerġija għat-tisħin ikkorreġut għat-temp baqa' relattivament l-istess mill-2010, wara xi tnaqqis fis-snin ta' qabel. Fl-2017, l-għadd ta' jiem tal-grad ta' tisħin kien biss ftit ogħla minn tal-2016, u l-konsum tal-enerġija fir-realtà naqas b'0,5% sena wara sena. Għalkemm it-tkessiħ tal-postijiet għadu jammonta għal proporzjon pjuttost limitat tal-konsum tal-enerġija, dan qed jiżdied b'rata mgħaġġla f'xi pajjiżi, filwaqt li l-għadd ta' jiem tal-grad ta' tkessiħ kważi rdoppja fl-2017 imqabbel mal-2014[25].

Jidher li l-effett tal-ġid (rifless fost l-oħrajn minn numru u erja tal-art medja ogħla tal-unitajiet ta' abitazzjoni) u l-bidliet fl-istil tal-ħajja (pereżempju ż-żieda fil-penetrazzjoni ta' apparati żgħar ġodda) jistgħu jkunu fatturi addizzjonali li jispjegaw iż-żidiet sostanzjali riċenti fil-konsum tal-enerġija. Għall-bini pubbliku, il-livell ikbar ta' kumdità enerġetika kien speċifikat bħala wieħed mill-fatturi li kkontribwew għax-xejra ta' żieda fil-konsum tal-enerġija[26].

L-intensità f'termini ta' konsum ta' enerġija għal kull popolazzjoni fis-settur residenzjali naqset fl-UE b'xi 12% fl-2005 sal-2017 (din naqset ukoll bi kważi 1% fl-2017 imqabbel mal-2016). L-iżviluppi ma kinux uniformi madwar l-Istati Membri, però. F'seba' pajjiżi, ir-rendiment naqas, u l-ikbar żidiet fl-intensità rreġistrati kienu fil-Bulgarija (+20%), fil-

[24] Il-konsum tal-enerġija relattiv mal-valur miżjud gross (GVA).

[25] Tsemekidi Tzeiranaki S., Bertoldi P (et al.) (2018), *Energy consumption and energy efficiency trends in the EU-28 for the period 2000-2016*, JRC Science for Policy Report

[26] Samuel Thomas (2018), op. cit.

Litwanja (+14%) u f'Malta (+8%). Għall-kuntrarju ta' dawn, l-iktar li rnexxielhom inaqqsu l-intensità tagħhom kienu l-Belġju (-26%), l-Irlanda (-25%) u r-Renju Unit (-23%).

4.3. Is-settur tas-servizzi

Is-settur tas-servizzi rreġistra l-ogħla żieda fil-konsum tal-enerġija mill-2005 sal-2017 (+4%). Sa ċertu punt, din iż-żieda tirrifletti t-tkabbir għoli tal-livelli ta' attività — il-GVA tas-settur tas-servizzi żdied b'xi 19% bejn l-2005 u l-2017. Ir-relazzjoni bejn iż-żieda fl-impjiegi u l-konsum tal-enerġija fis-settur tas-servizzi hija iktar evidenti, u l-konsum tal-enerġija li żdied matul il-perjodu ta' tkabbir relattivament b'saħħtu fl-impjiegi sal-2008 u għal darb'oħra fil-perjodu sa mill-2014. Barra dan, bi stima ta' 45% tal-konsum tal-enerġija tas-settur tas-servizzi użat għat-tisħin tal-postijiet, it-temperaturi tax-xitwa wkoll għandhom impatt sinifikanti sena wara sena fuq il-konsum globali tiegħu.

L-intensità enerġetika finali fis-servizzi tjiebet bi 13% fil-perjodu 2005 sal-2017. L-iktar titjib kien osservat fl-Irlanda, fl-Ungerija, fis-Slovakkja, fl-Awstrija u fl-Iżvezja. Imqabbel mal-2016, l-intensità enerġetika tal-UE kompliet titjieb fl-2017; il-konsum tal-enerġija baqa' stabbli filwaqt li l-GVA tas-settur żdied b'xi 2%.

4.4. Is-settur tat-trasport

Il-konsum finali tal-enerġija tal-UE fit-trasport[27] żdied bi 2,5% minn 369 Mtoe fl-2005 għal 378 Mtoe fl-2017. Fl-2017, 19-il Stat Membru żiedu l-konsum tal-enerġija tagħhom f'dan is-settur meta mqabbel mal-livelli tal-2005[28]. Il-konsum żdied b'mod sinifikanti (b'iktar minn 40% mill-2005) fil-Polonja, fir-Rumanija, fil-Litwanja u f'Malta. Għall-kuntrarju ta' dan, naqas b'iktar minn 10% fil-Greċja u fl-Italja.

Il-konsum finali tal-enerġija tal-UE fit-trasport żdied bi 2,5% mill-2016 sal-2017, u l-Istati Membri kollha minbarra tlieta[29] rrappurtaw żieda. Din iż-żieda sinifikanti hija kontinwazzjoni tax-xejra ta' tkabbir sa mill-2014 — l-użu tal-enerġija fis-settur tat-trasport żdied b'7% bejn l-2014 u l-2017. Madwar 81% tal-konsum finali tal-enerġija fit-trasport huwa fit-trasport tat-triq, u l-prodotti taż-żejt (petrol u diżil) huma tabilħaqq l-ikbar portaturi tal-enerġija li jintużaw fis-settur. L-avjazzjoni tammonta għal proporzjon li qed jikber tal-konsum tal-enerġija globali għat-trasport, b'żieda ta' 14% fl-istess perjodu. Il-pajjiżi bl-ikbar żieda sena wara sena jinkludu l-Polonja (+16%), is-Slovakkja (+13%), il-Kroazja, Malta u r-Rumanija (+8% kull wieħed).

It-tkabbir fl-attività tat-trasport u l-prezzijiet baxxi taż-żejt matul dak il-perjodu kienu r-raġunijiet ewlenin għaż-żieda fil-konsum tal-enerġija. L-attività tat-trasport tal-passiġġieri żdiedet bi 8,3% bejn l-2012 u l-2016, wara tliet snin ta' tnaqqis. Iż-żieda ta' 3,2% fl-2016 kienet ir-rata ta' tkabbir l-iktar mgħaġġla f'dawn l-aħħar 20 sena. L-attività tat-trasport tal-merkanzija wkoll żdiedet mill-2012, b'żieda ta' 7,9% sal-2016. Minkejja din ix-xejra 'l fuq, l-għadd ta' tunnellati-kilometri trasportati baqa' 2,4% iktar baxx mil-livell massimu tiegħu fl-2007. Barra dan, il-konġestjoni, b'mod speċjali fl-ibliet il-kbar, kompliet tikkontribwixxi għaż-żieda fid-domanda tal-enerġija fis-settur tat-trasport.

---

[27] Dan jinkludi t-trasport bil-pipelines, għall-kuntrarju tal-approċċ meħud f'COM(2015) 574 final billi l-miri tal-effiċjenza enerġetika għall-2020 ma jeskludux it-trasport bil-pipelines.

[28] It-tqabbil tal-Istati Membri jenħtieġ li jsir b'kawtela, billi l-konsum finali tal-enerġija huwa bbażat fuq il-fjuwils li jinbiegħu aktar milli fuq il-fjuwils li jintużaw fit-territorju ta' pajjiż.

[29] Il-Belġju, l-Italja u s-Slovenja.

Hemm korrelazzjoni qawwija bejn it-tkabbir ekonomiku u d-domanda għat-trasport bit-triq tal-merkanzija kummerċjali, filwaqt li r-relazzjoni bejn it-tkabbir tal-PDG u t-trasport tal-passiġġieri hija iktar ikkumplikata u hija affettwata minn diversi fatturi. Huwa rrappurtat ukoll li l-prezzijiet tal-fjuwil relattivament iktar baxxi poġġew pressjoni ta' żieda fuq id-domanda għall-fjuwil tat-trasport, u l-ambjent makroekonomiku li qed jinbidel influwenza r-relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-fjuwil u d-domanda għat-trasport fl-UE matul il-perjodu mill-2000 'il quddiem. Rigward il-bidla modali fil-livell tal-UE, il-bidliet fil-proporzjon tal-modalitajiet differenti ta' trasport tal-passiġġieri użati ma kellhomx impatt kbir fuq il-konsum tal-enerġija f'dawn l-aħħar snin. Madankollu, iż-żieda kontinwa fl-ivvjaġġar bl-ajru qed teżerċita pressjoni ta' żieda. Fit-trasport tal-merkanzija, l-ishma modali baqgħu relattivament kostanti maż-żmien.

L-effiċjenza tas-segment tal-vetturi ħfief tal-passiġġieri qed titjieb maż-żmien u ż-żieda fl-għadd ta' reġistrazzjonijiet ġodda għenet biex ittejjeb l-ekonomija tal-fjuwil tal-flotta sħiħa. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin kienet osservata żieda partikolarment għolja fir-reġistrazzjonijiet fis-segment tal-vetturi utilitarji sportivi (SUV). Mqabbla ma' tipi oħra ta' karrozzi, l-SUVs għandhom karatteristiċi bħal partijiet ta' quddiem kbar u koeffiċjenti ta' reżistenza għoljin li għandhom impatt negattiv fuq il-konsum tal-fjuwil. Skont JATO[30], fl-Ewropa, l-SUVs ammontaw għal 26% tal-bejgħ kollu tal-karozzi tal-passiġġieri fl-2016, żieda minn 8% fl-2007. Barra dan, skont LMC[31], din ix-xejra qawwija ta' żieda hija mistennija li tkompli, u l-SUVs huma mistennija jilħqu 34% tal-bejgħ kollu Ewropew tal-karozzi tal-passiġġieri fl-2020

5. Is-sitwazzjoni attwali / l-istat tat-traspożizzjoni tal-EED

B'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Kummissjoni qed tkompli bil-monitoraġġ tagħha tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-EED.

Fl-2018, il-Kummissjoni kompliet id-djalogu strutturat (talbiet għall-informazzjoni permezz tal-EU pilots) li bdiet mal-Istati Membri s-sena ta' qabel biex tiżgura li l-obbligi u r-rekwiżiti kollha skont l-EED ikunu riflessi b'mod korrett fil-leġiżlazzjoni u fil-politika nazzjonali. Wara l-valutazzjoni tat-tweġibiet għall-EU pilots, il-Kummissjoni bagħtet ittri ta' avviż formali lill-Istati Membri kollha biex tfittex aktar kjarifika dwar il-bqija tal-kwistjonijiet pendenti.

F'dak li jirrigwarda l-obbligu ta' rapportar lill-Kummissjoni, il-pjanijiet kollha ta' azzjoni nazzjonali għall-effiċjenza fl-enerġija li kienu dovuti sal-aħħar ta' April tal-2017 ġew ippreżentati, għalkemm ħafna minnhom waslu wara dewmien sinifikanti. Għadd totali ta' 10 Stati Membri inkludew aġġornamenti tal-miri jew projezzjonijiet tagħhom għall-2020 fl-NEEAPs tal-2017 tagħhom. Dawn il-miri riveduti indikaw żieda fid-distakk bejn il-kontribuzzjonijiet mistennija aggregati u l-mira tal-UE. L-NEEAPs fihom informazzjoni dettaljata dwar il-politiki u l-miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija ppjanati mill-Istati Membri għall-perjodu tat-tliet snin ta' wara sabiex jiksbu l-miri nazzjonali tagħhom ta' effiċjenza fl-enerġija. Ħarsa ġenerali u valutazzjoni tal-miżuri ġodda u l-użu ta' strumenti differenti (regolatorji, finanzjarji, tat-tassazzjoni, skemi ta' obbligi dwar l-effiċjenza fl-enerġija) kienu pprovduti f'rapport tal-JRC[32]. Dan ir-rapport janalizza wkoll l-implimentazzjoni tal-miżuri ta'

---

[30] Munoz, F., (2018), *The global domination of SUVs continues in 2017*
[31] LMC (2018), *Automotive sales, production, powertrain forecasting*
[32] Economidou, M., Labanca, N. (et al.) (2019), *Assessment of the Second National Energy Efficiency Action Plans under the Energy Efficiency* Directive, JRC Science for Policy Report.

effiċjenza fl-enerġija fis-setturi differenti (residenzjali, tal-industrija, tat-trasport, tal-agrikoltura u s-settur pubbliku) u jivvaluta l-iffrankar enerġetiku li għandu jiġi ġġenerat mill-inizjattivi u l-programmi ta' politika ewlenin.

Kif meħtieġ skont l-Artikolu 24 tal-EED, ir-rapporti annwali tal-2018 tal-Istati Membri kollha ġew ippreżentati fl-2018. Madankollu, għad hemm lok għal titjib fil-kronoloġija tal-preżentazzjoni kif ukoll fil-kwalità u l-kompletezza tal-informazzjoni pprovduta. Il-JRC analizza dawn ir-rapporti annwali fl-2018[33].

5.1. Il-progress skont l-Artikolu 7 (l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija)

Skont l-Artikolu 7, l-Istati Membri rrapportaw l-iffrankar tal-enerġija li kisbu għall-2014 sal-2016; fil-livell tal-UE dan kien jammonta għal 54 547 ktoe f'termini kumulattivi. Dan huwa madwar 24% tas-somma tal-iffrankar enerġetiku kumulattiv kollu meħtieġ sal-aħħar tal-2020, u madwar 10% iktar mill-ammont ta' ffrankar ipproġettat għall-2014 sal-2016, jekk wieħed jassumi kunsinna lineari tal-iffrankar meħtieġ. Għalkemm is-somma tal-iffrankar enerġetiku fil-livell tal-UE turi ammont ogħla ta' ffrankar għall-2016, jenħtieġ li l-progress skont l-Artikolu 7 jitqies fil-livell nazzjonali: jeħtieġ li kull Stat Membru jissodisfa r-rekwiżiti tal-iffrankar tal-enerġija tiegħu sal-aħħar tal-2020.

L-analiżi turi li diversi Stati Membri għadhom lura f'termini ta' ffrankar miksub għall-2016, u l-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, il-Latvja, il-Lussemburgu u l-Portugall kisbu inqas minn 60% tal-iffrankar meħtieġ għall-2016. Franza, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja u Spanja kisbu iktar minn 80% iżda għadhom taħt dak li kien meħtieġ għall-2016. Min-naħa l-oħra, l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Irlanda, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, l-Iżvezja u r-Renju Unit huma fit-triq it-tajba jew kisbu iktar iffrankar tal-enerġija minn dak meħtieġ għall-2014 sal-2016.

Fl-aħħar rapport annwali tagħhom, disa' pajjiżi[34] kkomunikaw li kellhom jintroduċu miżuri ta' politika ġodda. Barra dan, xi pajjiżi aġġornaw l-istimi tagħhom tal-iffrankar mistenni/realizzat għall-2014 u l-2015 mill-miżuri ta' politika komunikati preċedentement.

Il-parti l-kbira tal-iffrankar enerġetiku (madwar terz) inkiseb permezz ta' skemi ta' obbligu tal-effiċjenza fl-enerġija, 23% minħabba taxxi fuq l-enerġija jew fuq id-CO^2 u 18% minħabba skemi ta' finanzjament jew miżuri fiskali. Huwa biss proporzjon żgħir tal-iffrankar tal-enerġija li nkiseb bis-saħħa tal-iskemi ta' tikkettar u l-fondi nazzjonali.

[33] Tsemekidi-Tzeiranaki, S., Labanca, N. (et al.) (2019), *Analysis of the annual reports 2018 under the Energy Efficiency Directive* JRC Technical Reports.
[34] Il-Bulgarija, il-Kroazja, l-Estonja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Portugall u Spanja.

Illustrazzjoni 5. Distribuzzjoni tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-2014 sal-2016 għal kull tip ta' miżura ta' politika



Sors: Il-kalkoli proprji bbażati fuq ir-rapporti annwali nazzjonali tal-2018

Iktar minn żewġ terzi tal-iffrankar miksub (68%) saru bis-saħħa ta' miżuri trażversali li huma mmirati lejn setturi differenti, inkluż il-bini. Il-bqija tal-iffrankar tal-enerġija nkiseb bis-saħħa ta' miżuri mmirati lejn l-unitajiet domestiċi (12%) u t-trasport (9%), segwiti mill-industrija (6%) u s-settur tas-servizzi (2%). Għal 3% tal-iffrankar irrapportat, ma kienx ċar liema settur kien involut.

5.2. Il-progress skont l-Artikolu 5 (ir-rwol eżemplari tal-bini użat minn korpi pubbliċi)

Meta ppreżentaw ir-rapporti annwali tagħhom għall-2018, seba' Stati Membri ma pprovdewx l-aġġornament mitlub rigward l-Artikolu 5, filwaqt li 13-il Stat Membru ma kkonformawx ma' dan l-obbligu ta' rapportar fis-sena ta' qabel. Fost dawn, l-Iżvezja, il-Finlandja, il-Belġju, il-Greċja, ir-Rumanija u Malta ma nnotifikawx lill-Kummissjoni dwar il-kisbiet tagħhom għal dawn l-aħħar sentejn.

Fost l-Istati Membri li għażlu l-approċċ prestabbilit,[35] kien hemm sitta li kisbu l-miri annwali tagħhom f'termini ta' erja tal-art rinnovata. Dawn huma: l-Estonja, Spanja, l-Italja, il-

[35] L-Artikolu 5 jeħtieġ li l-Istati Membri kull sena jirrinnovaw 3% tal-erja tal-art totali ta' bini msaħħan u/jew imkessaħ fuq 250 m^2 li huwa fis-sjieda u okkupat mill-gvern ċentrali u li ma jilħaqx ir-rekwiżiti enerġetiċi

Litwanja, il-Latvja, il-Lussemburgu u s-Slovenja. Fost l-Istati Membri li implimentaw l-approċċ alternattiv, sitt Stati Membri kisbu l-miri ta' ffrankar tal-enerġija annwali tagħhom. Dawn kienu r-Repubblika Ċeka, Franza, il-Kroazja, l-Irlanda, in-Netherlands u l-Polonja. Fl-istess ħin, seba' pajjiżi pprovdew id-*data* rilevanti li tindika li dawn issodisfaw il-miri kumulattivi tagħhom skont l-Artikolu 5 għall-2014 sal-2017. Dawn huma Ċipru, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Kroazja, il-Finlandja, il-Polonja u r-Renju Unit.

6. Konklużjoni

Id-*data* tal-2017 turi tkabbir kontinwu tal-konsum tal-enerġija mill-2014. Iż-żidiet fl-aħħar tliet snin sal-2017 ċaqilqu l-konsum tal-enerġija 'l fuq mill-perkors lineari għall-miri tal-2020. Filwaqt li l-ixtiewi tal-2015 u l-2016 kienu iksaħ minn dik tal-2014, u minħabba f'hekk żdiedet id-domanda għat-tisħin tal-postijiet, jidher ċar li l-effetti tat-temp mhumiex l-uniku motivatur taż-żidiet sostanzjali riċenti. It-tkabbir ekonomiku, iż-żieda fil-ġid u t-tibdil fl-istil ta' ħajja wkoll żiedu d-domanda għall-enerġija. Għalkemm il-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija kkumpensaw b'mod sinifikanti għal dawn l-effetti fil-passat, id-dewmien fl-implimentazzjoni ta' wħud mill-politiki, u l-fatt li kien hemm inqas sforzi ġodda, wasslu biex l-iffrankar miksub ma kienx biżżejjed biex inaqqas il-konsum tal-enerġija.

Iż-żewġ metodoloġiji differenti tal-analiżi tad-dekompożizzjoni li ġew analizzati f'dan ir-rapport ikkonfermaw li l-effiċjenza fl-enerġija kienet motivatur ewlieni għat-titjib fl-intensità enerġetika fis-setturi kollha. Sa ftit ilu, dawn kienu biżżejjed biex jinnewtralizzaw il-qabża sinifikanti fid-domanda għall-enerġija mmexxija mill-attività ekonomika, mill-istandards ta' kumdità tat-tisħin u tat-tkessiħ ogħla , u mill-bidliet fl-imġiba u fl-istil ta' ħajja. Madankollu, aktar riċentement l-ammont ta' ffrankar miksub jidher li naqas filwaqt li l-effetti pożittivi tal-attività żdiedu.

F'dan il-kuntest, jidher ċar li hemm il-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi mhux biss biex jintlaħqu l-miri għall-2020, iżda wkoll biex tiġi stabbilita l-bażi ġusta għad-deċennju ta' wara meta saħansitra se jkun meħtieġ livell ogħla ta' ambizzjoni. L-isforzi addizzjonali biex titjieb l-effiċjenza fl-enerġija se jkollhom ukoll benefiċċji kumplimentari, bħal kontijiet tal-enerġija iktar baxxi, saħħa mtejba (permezz ta' titjib fil-kwalità tal-ajra) u iktar kumdità u inqas faqar enerġetiku.

It-task force stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea qabel li hemm il-ħtieġa li tiġi indirizzata l-lakuna fir-riżultati fil-ksib tal-miri tal-UE għall-2020. Ġew identifikati sett ta' soluzzjonijiet bħala mod kif wieħed jista' jimxi 'l quddiem. L-ewwel nett, huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti, billi kien hemm dewmien fit-traspożizzjoni u fl-implimentazzjoni taż-żewġ Direttivi dwar l-Effiċjenzi fl-Enerġija u dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija. Dan jinkludi l-ksib sħiħ tal-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija skont l-Artikolu 7 u li jiġi ssodisfat ir-rekwiżit li jitwettqu spezzjonijiet regolari skont l-Artikoli 14 u 15 tal-EPBD. Barra minn hekk, huwa importanti li jsir użu sħiħ mill-bqija tal-opportunitajiet ta' finanzjament fil-qafas tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u li jiġu implimentati miżuri addizzjonali fil-livell nazzjonali.

Il-Kummissjoni Ewropea intensifikat l-iskambju tal-informazzjoni u tal-aħjar prattiki, u bdiet il-proċess biex issaħħaħ is-sorveljanza tas-suq mill-Istati Membri tar-rekwiżiti ta' effiċjenza tal-prodotti. Din għandha l-għan ukoll li tgħin lill-Istati Membri jibnu l-kapaċità tagħhom għall-promozzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini fis-settur pubbliku, inkluż permezz tal-

---

minimi, sabiex mill-inqas jilħqu ir-rekwiżiti ta' rendiment fl-użu tal-enerġija minimi (l-approċċ prestabbilit) jew li jieħdu miżuri kosteffettivi oħra sabiex jiksbu ffrankar tal-enerġija ekwivalenti (l-approċċ alternattiv).

ikkuntrattar tas-servizzi tal-enerġija. Diversi miżuri adottati riċentement jew li waslu biex jiġu adottati jenħtieġ li jwasslu għal iffrankar enerġetiku addizzjonali f'perspettiva ta' żmien kemxejn itwal wara l-2020. Dawn jinkludu l-miri klimatiċi nazzjonali vinkolanti għall-2021 sal-2030 għas-setturi bħat-trasport u l-bini li mhumiex koperti mis-Sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-UE, l-istandards tad-CO_2 iktar stretti miftiehma riċentement għall-vetturi ħfief għal wara l-2020, flimkien ma' sistema ta' monitoraġġ imtejba, standards tal-emissjonijiet tad-CO_2 għat-trakkijiet ġodda, il-pakkett leġiżlattiv ġdid ta' standards u tikkettar għar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-prodotti, u l-Artikolu 7 msaħħaħ fl-EED riveduta. Il-fatt li l-EPBD riveduta tinkorpora aħjar id-dimensjoni diġitali se jiffaċilita t-tnedija tal-ICT u ta' teknoloġiji intelliġenti li huma mistennija li se jkollhom rwol importanti biex jitjieb ir-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-binjiet u fit-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija fil-binjiet fis-snin li ġejjin. Il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u ta' korrezzjoni mtejba skont ir-Regolament għall-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija[36] jenħtieġ li jgħinu ukoll biex ireġġgħu lill-UE fit-triq it-tajba fil-każ ta' nuqqas ta' ambizzjoni u progress fil-perjodu wara l-2020.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-progress tal-Istati Membri lejn il-miri indikattivi nazzjonali tagħhom tal-effiċjenza fl-enerġija għall-2020, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom tal-EED. Din se tirrapporta dwar il-progress lit-task force fis-sajf tal-2019 meta d-*data* preliminari għall-2018 se tkun disponibbli għall-valutazzjoni.

Il-Kummissjoni tistieden ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar din il-valutazzjoni.

[36] COM(2016) 759 final

Tabella 1: Ħarsa ġenerali lejn l-indikaturi

Xejra biex tintlaħaq il-mira tal-2020		Xejra fuq terminu qasir taż-żmien		L-Intensità Enerġetika tal-ekonomija kollha	L-Industrija	Residenzjali	
Xejra tal-PEC 2005-2017 imqabbla max-xejra tal-PEC 2005-2020 biex tintlaħaq il-mira tal-2020	Ix-xejra tal-FEC 2005-2017 imqabbla max-xejra tal-FEC 2005-2020 biex tintlaħaq il-mira tal-2020	Bidla fil-PEC tal-2017 imqabbel mal-PEC 2016 [%]	Bidla fil-FEC 2017 imqabbel mal-FEC 2016 [%]	It-tibdil medju annwali fl-intensità enerġetika tal-PEC tal-2005-2017 [%]	It-tibdil medju fl-intensità enerġetika tal-FEC tal-2005-2017 fl-industrija [%]	It-tibdil medju annwali fl-FEC tal-2005-2016 per capita bil-korrezzjonijiet għall-klima fis-settur residenzjali [%]	It-tibdil medju annwali fl-FEC tal-2005-2016 bil-korrezzjonijiet għall-klima għal kull unità domestika [%]
-	-	0.9%	1.2%	-2.0%	-2.0%	-0.5%	-1.2%
-	-	-0.3%	-1.2%	-1.7%	-0.7%	-2.4%	-1.6%
-	-	3.7%	2.5%	-2.8%	-5.2%	2.3%	0.4%
+	+	0.1%	2.7%	-3.0%	-4.6%	1.1%	0.0%
-	+	2.1%	1.3%	-1.8%	-1.8%	0.1%	-0.5%
-	-	0.2%	0.9%	-2.0%	-1.6%	-0.4%	-0.8%
+	-	-4.2%	1.3%	-1.5%	-6.0%	1.2%	0.0%
-	+	-1.4%	1.5%	-4.2%	-5.0%	-2.6%	-3.1%
+	+	1.2%	0.3%	-0.2%	1.8%	-0.5%	-0.9%
-	+	5.4%	2.3%	-1.5%	-2.4%	1.2%	-1.2%
-	-	-0.3%	0.2%	-1.7%	-1.4%	-0.6%	-1.8%
+	+	3.5%	4.3%	-1.4%	-1.6%	0.4%	-0.9%
+	+	0.7%	-0.6%	-1.3%	-2.7%	1.0%	-0.3%
-	+	4.4%	5.6%	-1.1%	0.7%	2.0%	-1.9%
+	+	4.0%	5.1%	-2.1%	1.4%	-0.6%	-1.5%
+	-	2.0%	5.1%	-5.0%	-2.0%	1.7%	-0.8%
+	+	3.5%	3.6%	-3.0%	-1.0%	-2.1%	-3.8%
+	-	3.1%	3.9%	-1.6%	2.0%	0.2%	-0.3%
+	-	12.9%	6.8%	-4.5%	0.0%	13.4%	0.0%
-	+	-0.4%	0.9%	-2.1%	-1.3%	-1.1%	-1.8%
-	-	2.7%	2.1%	-1.1%	-0.3%	1.1%	0.4%
-	-	4.5%	7.0%	-2.7%	-3.8%	1.0%	-0.5%
+	+	4.7%	2.3%	-0.7%	-1.1%	-0.2%	-1.7%
+	+	5.7%	4.4%	-4.3%	-5.9%	1.1%	-0.8%
+	+	1.5%	-0.3%	-1.9%	-3.1%	0.9%	0.1%
+	-	5.1%	7.2%	-3.9%	-4.9%	-1.0%	-1.8%
+	+	-1.2%	0.1%	-1.9%	-0.5%	0.0%	-0.7%
-	-	-1.6%	0.6%	-2.6%	-1.1%	-0.5%	-1.0%
+	+	-1.6%	-0.8%	-3.1%	-2.5%	-2.2%	-2.2%
Eurostat 01/2019	Eurostat 01/2019	Eurostat 01/2019	Eurostat 01/2019	Eurostat 01/2019	Eurostat 01/2019	JRC & Eurostat 08/2018	Odyssee 11/2018

* Is-simbolu "+" jintuża jekk l-Istati Membri jkunu naqqsu l-konsum tal-enerġija primarja u l-konsum finali tagħhom bejn l-2005 u l-2017 b'rata li hija ogħla mir-rata ta' tnaqqis meħtieġa

fil-perjodu ta’ bejn l-2005 u l-2020 sabiex jilħqu l-miri ta’ konsum tal-enerġija primarja u tal-konsum finali tagħhom għall-2020. Is-simbolu “-” jintuża għall-każijiet l-oħrajn. FEC ifisser konsum finali tal-enerġija, PEC ifisser konsum tal-enerġija primarja.

Tabella 2: Ħarsa ġenerali lejn l-indikaturi

MS	Servizzi	Trasport			Generation	
	It-tibdil medju fl-intensità enerġetika tal-FEC tal-2005-2017 fis-settur tas-servizzi [%]	It-tibdil medju fl-FEC tal-2005-2017 fis-settur tat-trasport [%]	Bidla fis-sehem tal-ferroviji, tal-vaguni awtopropulsivi, tal-buses, u tat-trolley buses għat-trasport tal-passiġġieri fl-2016 imqabbel mal-2005 [%]	Bidla fil-sehem tal-ferroviji u tal-passaġġi fuq l-ilma intern għat-trasport tal-merkanzija fl-2016 imqabbel mal-2005 [%]	It-tibdil medju annwali fil-ġenerazzjoni tas-sħana bejn l-2005 u l-2016 mis-CHP [%]	It-tibdil medju annwali tal-proporzjon tal-output tat-Trasformazzjoni u l-input tal-Fjuwil għall-ġenerazzjoni tal-enerġija termali bejn l-2005 u l-2016 [%]
EU28	-1.0%	0.2%	0.3%	-0.1%	-1.0%	0.2%
BE	-0.2%	0.5%	-1.8%	0.0%	6.8%	0.7%
BG	-0.8%	1.9%	-11.6%	8.5%	0.6%	0.4%
CZ	-2.0%	1.2%	2.9%	-4.4%	-0.8%	0.4%
DK	-1.4%	-0.1%	-2.2%	1.9%	-1.7%	1.3%
DE	-0.8%	0.6%	0.1%	-2.4%	-1.0%	0.5%
EE	-0.2%	1.0%	-2.9%	-37.0%	2.6%	0.0%
IE	-5.2%	0.1%	2.3%	-1.0%	0.0%	0.9%
EL	1.4%	-1.3%	-3.6%	-1.4%	1.3%	1.4%
ES	-0.1%	-0.7%	0.6%	0.1%	0.0%	-0.9%
FR	-0.3%	0.3%	2.8%	-0.4%	-6.1%	-0.1%
HR	-0.2%	1.7%	-1.0%	2.7%	-0.8%	0.5%
IT	0.2%	-1.3%	-0.1%	4.2%	1.2%	0.6%
CY	1.1%	0.2%	-2.2%	0.0%	0.0%	1.0%
LV	-1.7%	1.4%	-7.8%	-2.2%	3.1%	-0.3%
LT	-1.4%	3.5%	-0.1%	5.0%	-4.1%	8.0%
LU	-0.5%	-0.7%	2.4%	-16.0%	-2.5%	1.0%
HU	-5.0%	1.0%	-4.3%	0.8%	-6.6%	-0.5%
MT	n.a.	2.9%	-2.3%	n.a.	0.0%	1.5%
NL	-1.8%	-0.2%	2.3%	1.6%	-0.7%	-0.1%
AT	-3.4%	0.3%	1.4%	-3.0%	2.8%	1.0%
PL	-1.8%	5.1%	-9.2%	-8.6%	-1.5%	0.1%
PT	-1.9%	-0.1%	0.3%	5.1%	4.6%	-0.1%
RO	-1.4%	3.6%	-5.2%	16.3%	-4.3%	-0.5%
SI	-0.9%	2.3%	-0.6%	2.6%	0.2%	0.9%
SK	-3.5%	1.8%	-4.3%	-7.3%	0.1%	0.2%
FI	0.2%	0.4%	2.4%	1.8%	-0.7%	0.0%
SE	-2.9%	0.6%	2.3%	-3.0%	2.2%	0.7%
UK	-1.8%	-0.3%	2.2%	-2.7%	0.0%	0.5%
Source and extraction data	Eurostat 01/2019	Eurostat 01/2019	DG MOVE Pocketbook 2018	DG MOVE Pocketbook 2018	Eurostat 08/2018	Eurostat 08/2018

Tabella 3: Ħarsa ġenerali lejn l-iffrankar tal-enerġija rrappurtat għall-2016 skont l-Artikolu 7 (ktoe)

	2016			Progress lejn il-mira			
	Iffrankar ġdid	Iffrankar annwali totali	Iffrankar kumulattiv matul l-2014 sal-2016	Iffrankar kumulattiv totali meħtieġ sal-2020 (fil-mira)	Progress lejn ir-rekwiżit ta' ffrankar kumulattiv totali sal-2020	Iffrankar annwali stmat meħtieġ għall-2014 sal-2016	L-2014 sal-2016 imqabbla mal-iffrankar annwali stmat
L-Awstrija	389	1 026	1 908	5 200	37 %	1 114	171 %
Il-Belġju	226	779	1 640	6 911	24 %	1 481	111 %
Il-Bulgarija	50	99	178	1 942	9 %	416	43 %
Il-Kroazja	15	ma japplikax	62	1 296	5 %	278	22 %
Ċipru	2	6	14	242	6 %	52	28 %
Ir-Repubblika Ċeka	150	310	521	4 882	11 %	1 046	50 %
Id-Danimarka	256	699	1 346	3 841	35 %	823	163 %
L-Estonja	77	184	284	610	47 %	131	217 %
Il-Finlandja	562	ma japplikax	4 775	4 213*	113 %	903	529 %
Franza	943	2 887	6 489	31 384	21 %	6 725	96 %
Il-Ġermanja	2 637	4 085	9 943	41 989	24 %	8 998	111 %
Il-Greċja	40	174	394	3 333	12 %	714	55 %
L-Ungerija	72	292	641	3 680	17 %	788	81 %
L-Irlanda	116	330	609	2 164	28 %	464	131 %
L-Italja	ma japplikax	1 993	4 638	25 502	18 %	5 465	85 %
Il-Latvja	15	32	58	851	7 %	182	32 %
Il-Litwanja	23	86	188	1 004	19 %	215	87 %
Il-Lussemburgu	ma japplikax	14	24	515	5 %	110	22 %
Malta	ma japplikax	8	16	67	24 %	14	112 %
In-Netherlands	586	3 416	5 211	11 512	45 %	2 467	211 %
Il-Polonja	ma japplikax	ma japplikax	3 268	14 818	22 %	3 175	103 %
Il-Portugall	29	94	206	2 532	8 %	543	38 %
Ir-Rumanija	ma japplikax	667	1 368	5 817	24 %	1 247	110 %
Is-Slovakkja	56	241	497	2 284**	22 %	489	102 %
Is-Slovenja	37	180	285	945	30 %	203	141 %
Spanja	514	1 536	3 180	15 979	20 %	3 424	93 %
L-Iżvezja	ma japplikax	1 505	3 021	9 114	33 %	1 953	155 %
Ir-Renju Unit	ma japplikax	2 984	6 208	27 859	22 %	5 970	104 %
Total	**6 794**	**24 633**	**54 547**	**230 486**	**24 %**	**49 390**	**110 %**

Sors: Informazzjoni rrappurtata mill-Istati Membri u kkumplimentata mill-kalkoli u l-approssimazzjonijiet tal-Kummissjoni fejn dan kien meħtieġ.